



Brussell, 11 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0371(COD)

15151/18
ADD 1 REV 1

CODEC 2210
JAI 1244
ASIM 160
FRONT 433

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-impenn mill-ġdid tal-ammonti li jkun għad fadal, li ġew impenjati biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2015/1523 u (UE) 2015/1601, jew l-allokazzjoni tagħhom għal azzjonijiet oħra skont il-programmi nazzjonali (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni tal-Kunsill

Il-Kunsill jiddikjara li l-ftehim tiegħu dwar l-impenn mill-ġdid jew it-trasferiment tal-ammonti li fadal taħt il-programmi nazzjonali tal-fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, li b'mod eċċezzjonali jinvolvi l-estensjoni tal-perijodu ta' diżimpenn u l-impenn mill-ġdid ta' ammonti, huwa dovut għaċ-ċirkostanzi partikolari ħafna u eċċezzjonali rigward l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' rilokazzjoni u mhux ser jikkostitwixxi preċedent minħabba li huwa limitat għal dan il-każ speċifiku rigward l-AMIF.

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

L-indirizzar tal-problema tal-migrazzjoni fil-qalba tagħha teħtieġ approċċ ġdid kif stabbilit fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2018 sabiex jtkisser b'mod definittiv mudell kummerċjali tal-faċilitaturi ta' dħul klandestin, jiġu eliminati l-inċentivi li jsiru vjaġġi perikolużi u jitwaqqaf l-influss illegali ta' migranti.

L-allokazzjoni ta' mill-anqas 20% tal-ammonti impenjati mill-ġdid għal darb'oħra għar-rilokazzjoni u risistemazzjoni mhux biss tmur kontra l-għanijiet ewlenin stabbiliti mill-Kunsill Ewropew, iżda twassal għal effiċjenza baxxa bl-istess mod tal-implimentazzjoni u tista' sservi wkoll bħala fattur ta' attrazzjoni. L-Ungerija tixtieq ukoll tikkonferma mill-ġdid in-natura strettament volontarja tar-rilokazzjoni u r-risistemazzjoni skont il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2018; l-approċċ suġġerit tal-assenjazzjoni ta' 20% tal-ammont impenjat mill-ġdid għal tali azzjonijiet għaldaqstant jidher ukoll li jikkontradixxi n-natura volontarja ta' dawn u dak li ntlaħaq qbil dwaru mill-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, jimponi penali finanzjarja de facto għal dawk l-Istati Membri, li – bl-għażla ħielsa ta' politika tagħhom – ma jimplimentawx rilokazzjonijiet jew risistemazzjonijiet.

Filwaqt li hemm diskrepanza finanzjarja fil-qasam tad-dimensjoni esterna, ma nistgħux nitilfu l-opportunità li niddedikaw kemm jista' jkun riżorsi disponibbli possibbli biex inlaħḥqu ma' dawn il-ħtiġijiet. Għaldaqstant l-Ungerija hija determinata li tkompli u ssaħħa l-approċċ ġdid biex tevita ritorn għall-flussi mhux ikkontrollati tal-2015 u biex tkompli twaqqaf il-migrazzjoni illegali fuq ir-rotot eżistenti u emerġenti kollha. Għalhekk, l-Ungerija tfakkar fil-ħtieġa għal flessibilità sħiħa fl-allokazzjoni tal-ammonti li fadal.

Għaldaqstant l-Ungerija tiddikjara li ma tappoġġax il-proposta, speċjalment l-approċċ suġġerit li jiġu allokati tal-anqas 20% tal-ammonti impenjati mill-ġdid għal azzjonijiet taħt il-programmi nazzjonali għat-trasferiment ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew ta' beneficijarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal risistemazzjoni jew ammissjonijiet umanitarji ad-hoc oħra, kif ukoll miżuri oħrajn ta' solidarjetà fir-rigward ta' miżuri oħrajn ta' solidarjetà fir-rigward tal-iżbarki fl-UE wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ.

Dikjarazzjoni mill-Finlandja

Il-Finlandja tixtieq tiddikjara li d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2015/1523 u (UE) 2015/1601 li irrikjedew azzjonijiet fil-qasam tar-rilokazzjoni, u li l-finanzjament mill-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) oriġinarjament kien allokat għall-implimentazzjoni ta' dawn id-Deċiżjonijiet. Il-Finlandja jiddisputa li l-għanijiet oriġinali tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill ma ġewx irrispettati mill-Istati Membri kollha.
